



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Settembru 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0304 (COD)

10537/17
ADD 1

CORDROGUE 86
DROIPEN 91
JAI 624
SAN 265
CODEC 1103

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI sabiex jiġu inklużi sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' 'droga' u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI

- *Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill*

I. INTRODUZZJONI

Fis-17 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva li temenda d-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI (Direttiva proposta dwar SPĠ) u proposta għal Regolament dwar Sustanzi Psikoattivi Ġodda (Regolament propost dwar SPĠ).

Fil-21 ta' Jannar 2014, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu rigward id-Direttiva proposta dwar SPĠ u r-Regolament propost dwar SPĠ.

Fis-17 ta' April 2014, waqt is-sessjoni plenarja tiegħu, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari rigward id-Direttiva proposta dwar SPĠ u r-Regolament propost dwar SPĠ.

Fis-27 ta' Mejju 2015 il-COREPER iddeċieda li d-diskussjoni dwar ir-Regolament propost dwar SPĠ ma għandhiex tkompli fuq il-bażi legali tal-Artikolu 114 TFUE (relatat mat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern), iżda fuq il-bażi legali ġdida tal-Artikolu 83(1) TFUE (liġi kriminali).

Fis-6 ta' April 2016, kien hemm it-tieni diskussjoni tal-COREPER, li matulha ġiet imtennija l-bidla tal-bażi legali għall-Artikolu 83 TFUE fil-forma ta' Direttiva u l-Kummissjoni ġiet mistiedna tippreżenta proposta biex jiġi emendat ir-Regolament li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), billi jiġu introdotti d-dispożizzjonijiet dwar is-Sistema ta' Twissija Bikrija u l-analiżi u l-valutazzjoni tar-riskju f'dan ir-Regolament.

Fit-30 ta' Awwissu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat tali proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament dwar l-EMCDDA, li ġiet eżaminata wkoll mill-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (GOD) fil-laqgħat tiegħu fis-7 ta' Settembru 2016, fil-21 u t-22 ta' Settembru 2016, fil-11 u t-12 ta' Ottubru 2016 u fid-9 ta' Novembru 2016.

Fit-8 u d-9 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill (ĠAI) adotta l-approċċ ġenerali dwar id-Direttiva proposta dwar SPĠ u r-Regolament propost dwar SPĠ, kif jinsab fid-dokumenti 14810/1/16 REV 1 u 14809/1/16 REV 1.

Fl-istess okkażjoni, il-Kunsill ta l-mandat lill-Presidenza biex tibda negozjati mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari rigward id-Direttiva proposta dwar SPĠ u r-Regolament propost dwar SPĠ.

Taħt il-Presidenza Maltija saru tliet trilogi. Fid-29 ta' Mejju 2017 intlaħaq kompromess finali u t-testi tad-Direttiva proposta dwar SPĠ u r-Regolament propost dwar SPĠ, kif inħarġu wara n-negozjati interistituzzjonali fid-dokument 9567/17 u d-dokument 9566/17, ġew ippreżentati lill-COREPER fil-31 ta' Mejju 2017.

Fit-8 ta' Ġunju 2017 il-Kumitat LIBE vvota u approva t-test tad-Direttiva proposta dwar SPĠ u r-Regolament propost dwar SPĠ kif kien wara n-negozjati interistituzzjonali. Il-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE), is-Sur Claude MORAES, indirizza ittra rigward id-Direttiva proposta dwar SPĠ lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li tiddikjara li, jekk dan it-test kellu jintbagħat formalment lill-Parlament Ewropew bħala l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għal din il-proposta legiſlattiva, huwa ser jirrakkomanda lill-Membri tal-Kumitat LIBE u mbagħad lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament, soġġett għal verifika mill-ġuristi-lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet.

Fl-20 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) laħaq qbil politiku dwar id-Direttiva proposta dwar SPĠ. It-test tad-Direttiva proposta dwar SPĠ u tar-Regolament propost dwar SPĠ sussegwentement ġew riveduti mill-ġuristi-lingwisti.

II. OBJETTIV

Spiss qed ifeġġu sustanzi psikoattivi ġodda, li jimitaw l-effetti ta' sustanzi elenkati taħt il-Konvenzjonijiet tan-NU, u dawn qed jinfirxu b'rata mgħagħgla fl-Unjoni. Ċerti sustanzi psikoattivi ġodda huma ta' riskji gravi għas-saħħa pubblika jew riskji għas-saħħa pubblika u fil-livell soċjali. L-għan tad-Direttiva proposta dwar SPĠ u r-Regolament propost dwar SPĠ huwa li sustanzi psikoattivi ġodda bħal dawn jiġu indirizzati fil-livell tal-UE aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti meta mqabbel mas-sistema attwali, stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Bosta elementi fid-Direttiva proposta dwar SPĠ u r-Regolament propost dwar SPĠ kienu jeħtieġu diskussjonijiet fil-fond sabiex jintlaħaq ftehim: l-użu ta' atti delegati/ta' implimentazzjoni biex is-sustanzi psikoattivi ġodda l-aktar perikolużi jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' droga, l-iskadenza għall-implimentazzjoni ta' miżuri nazzjonali u kriterji biex jitnieda r-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju.

Atti Delegati

Il-kwistjoni ewlenija fin-negozjati interistituzzjonali kienet il-kwistjoni tal-inklużjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' droga permezz ta' atti delegati jew ta' implimentazzjoni. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-atti ta' implimentazzjoni kienu l-aħjar strument għal dan l-għan, filwaqt li l-Parlament indika li din il-kwistjoni kienet relatata mill-qrib mas-saħħa taċ-ċittadini, u ma kienx xieraq li l-Parlament ikun eskluż mit-teħid ta' tali deċiżjonijiet. Il-Parlament talab biex ikun involut fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-inklużjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' droga. Wara diskussjonijiet fit-tul matul in-negozjati interistituzzjonali, il-Kunsill qabel li jaċċetta li s-sustanzi psikoattivi ġodda jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' droga permezz ta' atti delegati jekk min-naħa l-oħra, il-bidliet ewlenin proposti mill-Kunsill għal-leġislazzjoni dwar SPĠ ikunu garantiti.

Skadenza għall-implimentazzjoni ta' miżuri nazzjonali

Meta mqabbla mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, il-Kunsill ippropona li jqassar il-perijodu għall-implimentazzjoni ta' miżuri nazzjonali għall-projbizzjoni ta' sustanza psikoattiva ġdida speċifika minn sena għal sitt xhur, ladarba jkun ġie adottat l-att delegat dwar l-inklużjoni ta' sustanza psikoattiva ġdida fid-definizzjoni ta' droga. Il-Parlament ħeġġeġ biex din l-iskadenza titnaqqas aktar għal tliet xhur. Bħala riżultat tan-negozjati, il-Parlament qabel li jaċċetta l-iskadenza ta' sitt xhur għall-implimentazzjoni ta' miżuri nazzjonali sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom biżżejjed żmien biex jagħmlu dan, minħabba s-sistemi legali differenti.

Limitu għat-tnedija tar-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju

Il-Parlament argumenta li l-limitu previst mill-Kunsill għat-tnedija tar-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju, ladarba jkun inħareġ rapport konġunt dwar sustanza psikoattiva ġdida, kien għoli wisq ("fejn ir-rapport inizjali jagħti indikazzjonijiet li juru li din is-sustanza tista' toħloq riskji gravi għas-saħħa pubblika jew riskji għas-saħħa pubblika u fil-livell soċjali"). Wara d-diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni, il-Parlament qabel li jaċċetta l-limitu previst, billi dan kien jirreferi biss għal possibbiltà/indikazzjoni ta' riskju gravi aktar milli riskju stabbilit, u li dan il-limitu għandu jkun marbut mal-kriterji previsti għall-inklużjoni tas-sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' droga (li jipprevedu li biex dan issejtni, is-sustanzi għandhom jippreżentaw riskji "gravi għas-saħħa pubblika u, fejn applikabbli, fil-livell soċjali fil-livell tal-Unjoni").

IV. KONKLUŻJONI

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, iffaċilitat mill-Kummissjoni. Ladarba jiġu adottati, id-Direttiva proposta dwar SPĠ u r-Regolament propost dwar SPĠ ser jissostitwixxu s-sistema attwali għall-indirizzar tas-sustanzi psikoattivi ġodda l-aktar perikolużi fil-livell tal-UE kif stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI. Is-sistema l-ġdida ser tippermetti li jitnaqqas bin-nofs iż-żmien meħtieġ biex is-sustanzi psikoattivi ġodda l-aktar perikolużi jiġu soġġetti għal miżuri ta' kontroll fil-livell tal-UE.